Fil-qosor, Naturgy tqis li ma huwiex possibbli li jiġi deċiż li l-motivazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Ftuħ hija konformi mad-dritt meta din la tagħmel riferiment għall-analiżi ta' komparabbiltà meħtieġ mill-ġurisprudenza sabiex tiġi ġġustifikata n-natura selettiva ta' għajnuna, u lanqas ma tinkludi, anki jekk sommarjamet, espożizzjoni, minn tal-inqas preliminari, tar-raġunijiet li għalihom, abbażi ta' din l-analiżi ta' komparabbiltà, il-miżura kkontestata hija selettiva. Il-Qorti Ġenerali ma tistax tibbaża ruħha, skont id-dritt, fuq in-natura provviżorja tad-Deċiżjoni ta' Ftuħ sabiex tapplika standard ta' motivazzjoni żbaljat. B'mod partikolari, u fid-dawl tal-fatt li s-suġġett tad-Deċiżjoni ta' Ftuħ huwa miżura li qiegħda attwalment tiġi implimentata u li tipproduċi, bħala tali, effetti ġuridiċi kunsiderevoli għall-benefiċjarji tagħha, il-Qorti Ġenerali kellha teżiġi mingħand il-Kummissjoni motivazzjoni konformi mal-istandards stabbiliti mill-ġurisprudenza fil-qasam tas-selettività, anki jekk din tkun fil-qosor u provviżorja.

2. **It-tieni aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi fl-istħarriġ tal-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE f'dak li jirrigwarda n-natura selettiva tal-miżura kkontestata.**

Naturgy tqis li l-eżitu tal-eżami tal-Qorti Ġenerali tal-karatterizzazzjoni tas-selettività tal-miżura kkontestata, imwettqa mill-Kummissjoni, huwa vvizzjat minn diversi żbalji ta' liġi. Naturgy tqis li l-Qorti Ġenerali, mhux biss wettqet żball ta' liġi meta qieset li l-kriterji ġuridiċi sabiex tiġi mistħarrġa n-natura selettiva ta' miżura huma differenti skont jekk il-miżura inkwistjoni tkunx is-suġġett ta' eżami qabel jew wara l-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, iżda talli wettqet żball ta' liġi meta invertiet l-oneru tal-prova u meta ma kkonstatatx l-iżball imwettaq mill-Kummissjoni meta ddeċidiet, fir-rigward tal-motivazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Ftuħ, li l-miżura kkontestata hija selettiva u/jew meta ma wrietx, kif meħtieġ mid-dritt, li l-miżura hija selettiva.

(1) ĠU 2018, C 80, p. 20.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte constituzionale (l-Italja) fit-22 ta' Novembru 2021 – Proċeduri kriminali kontra E.D.L.**

**(Kawża C-699/21)**

(2022/C 73/18)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Corte constituzionale

**Parti fil-proċeduri kriminali nazzjonali**

E.D.L.

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri, [1] eżaminat fid-dawl tal-Artikoli 3, 4 u 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jkun interpretat fis-sens li, fejn tikkunsidra li l-konsenja ta' persuna li tbati minn mard kroniku serju u potenzjalment irriversibbli tista' tesponi lil dik il-persuna għar-riskju li ssofri dannu serju għas-saħħa tagħha, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha titlob li l-awtorità ġudizzjarja emittenti tipprovdi informazzjoni li tippermetti tiġi eskluża l-eżistenza ta' tali riskju, u għandha tirrifjuta l-konsenja jekk ma tiksibx garanziji f'dan ir-rigward f'perijodu ta' żmien raġonevoli?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34 u rettifika fil-ĠU 2009, L 17, p. 45.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte costituzionale (l-Italja) fit-22 ta' Novembru 2021 – Proċeduri kriminali kontra O.G.**

**(Kawża C-700/21)**

(2022/C 73/19)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Corte costituzionale

**Parti fil-proċeduri kriminali nazzjonali**

O.G.

**Domandi preliminari**

a) Il-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA tat-13 ta’ Ġunju 2002 dwar il-mandat ta’ arrest Ewropew u l-proċeduri ta’ konsenja bejn l-Istati Membri [1], interpretat fid-dawl tal-Artikolu 1(3) tal-istess deċiżjoni kwadru u tal-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jipprekludi leġiżlazzjoni, bħal leġiżlazzjoni Taljana, li – fil-kuntest ta’ proċedura ta’ mandat ta’ arrest Ewropew maħruġ għall-eżekuzzjoni ta’ piena jew ta’ miżura ta’ sigurtà – tipprojbixxi b’mod assolut u awtomatiku li l-awtoritajiet ġudizzjarji ta’ eżekuzzjoni jirrifjutaw il-konsenja ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jissoġġornaw jew jirrisjedu fit-territorju tagħhom, irrispettivament mir-rabtiet li huma għandhom ma’ dan tal-aħħar?

b) F’każ ta’ risposta pożittiva għall-ewwel domanda, fuq il-bażi ta’ liema kriterji u kundizzjonijiet għandhom dawn ir-rabtiet jitqiesu tant sinjifikattivi li jobbligaw lill-awtorità ġudizzjarja ta’ eżekuzzjoni tirrifjuta l-konsenja?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34 u rettifika fil-ĠU 2009, L 17, p. 45.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation du Grand-Duché de Luxembourg (il-Lussemburgu) fl-1 ta’ Diċembru 2021 – GV vs Casse nationale d’assurance pension**

**(Kawża C-731/21)**

(2022/C 73/20)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Cour de cassation du Grand-Duché de Luxembourg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* GV

*Konvenut:* Casse nationale d’assurance pension

**Domanda preliminari**

Id-dritt tal-Unjoni Ewropea, b’mod partikolari l-Artikoli 18, 45 u 48 tat-Trattat FUE u l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni [1] jipprekludu dispożizzjonijiet tad-dritt ta’ Stat Membru, bħall-Artikolu 195 tal-Code luxembourgeois de la sécurité sociale (il-Kodiċi Lussemburgiż tas-Sigurtà Soċjali) u l-Artikoli 3, 4 u 4-1 tal-loi modifiée du 9 juillet 2004 relative aux effets légaux de certains partenariats (il-Liġi Emendata tad-9 ta’ Lulju 2004 dwar l-Effetti Legali ta’ Ċerti Shubijiet) li jissuġġettaw l-għoti, lis-sieħeb superstiti ta’ sħubija konkluża u rreġistrata validament fl-Istat Membru ta’ oriġini, ta’ pensjoni tas-superstiti, dovuta minħabba l-eżerċizzju fl-Istat Membru ospitanti ta’ attività professjonali mis-sieħeb deċedut, għall-kundizzjoni tar-reġistrazzjoni tas-sieħeb f’reġistru miżmum mill-imsemmi Stat għall-finijiet tal-verifika tal-osservanza tal-kundizzjonijiet sostantivi meħtieġa mil-liġi ta’ dak l-Istat Membru sabiex tiġi rrikonoxxuta sħubija u sabiex jiġi żgurat l-infurzabbiltà tagħha fil-konfront ta’ terzi, filwaqt li l-għoti ta’ pensjoni tas-superstiti lis-sieħeb superstiti ta’ sħubija konkluża fl-Istat Membru ospitanti hija suġġetta biss għall-kundizzjoni li s-sħubija tkun ġiet konkluża u rreġistrata validament hemmhekk?

(1) ĠU 2011, L 141, p. 1.